**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Att t'Akkuza numru: 12/2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Paul Cachia**

Illum, 28 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Paul Cachia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Gunju, 2022 fejn gie espost:

*'Illi fil-proċeduri odjerni l-Avukat Generali ordna li l-esponenti jiġi ġġudikat mill-Qorti Kriminali u l-esponenti ġie notifikat bl-Att tal-Akkuża supra citat;*

*Illi konsegwentament, a tenur tal-artikolu 22(2A)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l- esponenti qiegħed jippreżenta dan l-umili rikors sabiex jitlob li minflok ma jkun iggudikat minn dina l-Onorabbli Qorti huwa jigi ggudikat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati;*

*Illi l-esponenti jinsab akkużat b'assoċjazzjoni għat-traffikar tar-raża tal-cannabis u pussess tar-raza tal-kannabis mhux għall-użu esklussiv tieghu;*

*Illi preliminarjament, u a skans ta' kwalsiasi ekwivoku, l-esponenti umilment jissottometti illi huwa qed jikkontesta l-akkużi migjuba kontra tiegħu u l-kontenut ta' dan ir-rikors ma għandux jitqies bħala xi forma ta' xi ammissjoni ta' xi ħtija;*

*Illi magħmulha l-parentezi supra l-esponenti umilment jissottometti illi anke skond l-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni, jekk tali allegazzjonijiet jiġu analizzati fid-dawl tar-Raba Skeda tal-Kap 101, u applikati l-istess linji gwida għall-użu tad-diskrezzjoni, l-każ odjern huwa wieħed li għandi jigi ġġudikat mill-Qorti tal-Magistrati u mhux mill-Qorti Kriminali;*

*Illi dwar l-allegat rwol tal-akkużat l-esponenti umilment jissottometti illi strettament mingħajr pregudizzju dwar il-mertu, anke jekk wieħed jaqra l-Att tal-Akkuża, għandu jirriżulta li l-akkuzat kellu rwol minimu ħafna fit-twettiq tal-allegat reat.*

*Illi fl-Att tal-Akkuża l-Avukat Generali jikkontempla żewgt incidenti: wieħed li huwa bbażat esklussivament fuq l-istqarrija tal-akkuzat li kienet ingħatat fl-2012 fi żmien meta l-akkużat ma kellux dritt li jkollu l-avukat di fiduċja jassistih waqt ir-rilaxx tal-istqarrija; u ieħor a bazi ta testimonjanza ta' Anglu Fenech fejn (mingħajr ma wieħed jidħol fil-mertu f'dan l-istadju) il-kontenut ta' tali testimonjanza, in ogni caso, zgur ma huwiex bizzejjed biex l-esponenti jigi ggudikat mill-Qorti Kriminali.*

*Illi dwar l-ewwel incident, skond l-Avukat Generali l-esponenti fl-istqarrija tieghu kien iddikjara li huwa kien ftiehem ma' certu Jose' Xerry, fejn huwa kellu jżomm sustanza, allegatament droga, fl-għalqa tiegħu għal lejl wiehed biss, u wara li ġie imwieghed elf Ewro (€1,000) mill-istess Jose' Xerry ta' dan, stante li kellu l-mara marida ħafna u kellu bżonn il-flus huwa kien accetta li jagħmel dan. Illi di più, eventwalment din l-allegata droga sparixxxiet matul il-lejl mill-hofra li go fiha kienet inhbiet. Ta' dan kollu l-*

*esponenti spiċċa mhux biss ma hax l Elf Ewro, talli spiċċa wkoll f'ħafna inkwiet minħabba li d-droga sparixxiet.*

*Illi mill-premess allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni għandu jirriżulta li l-akkużat kellu rwol limitatissmu fil-facenda u agixxa taħt direzzjoni ta' persuna oħra.*

*In oltre, kif jirriżulta wkoll mit-testimonjanza tal-ispettur Jesmond Borg (folio 494 et seq tal- process) u għal darb'oħra strettament mingħajr preġudizzju dwar il-mertu, l-akkużat gie sfruttat minn oħrajn minħabba is-sitwazzjoni prekarja li kien jinsab fiha stante li kif del resto konfermat personalment mill-istess spettur Borg, l-akkużat kellu l-mara tiegħu marida u kien tellaghha l-Ingilterra għal kura diversi drabi. Il-prosekuzzjoni stess infatti taċċetta li l-akkużat għamel dak li allegatament għamel għaliex kien imwiegħed elf Ewro liema flejjes dak iż-żmien kien bżonnhom ħafna stante li kien nefaq gidu kollu fuq il-kura medika tal-mara tiegħu. Illi in oltre, anke skond it-tezi tal-prosekuzzjoni, ma jirriżulta minn imkien li l-akkużat kellu xi influenza kwalsiasi fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku u/jew li kellu xi għarfien kwalsiasi rigward l- operazzjoni - anzi bil-fatt li din l-allegata sustanza insterqet matul il-lejl, l-akkużat spiċċa sfruttat hu stess.*

*Illi fl-aħħar lok, dwar il-kwistjoni tal-gwadann finanzjarju mill-allegat reat, l-esponenti jissottometti illi kif ddikjara l-ispettur Jesmond Borg (folio 496 tal-proċess), l-akkużat spiċċa li I-Elf Ewro li kien imwiegħed lanqas ma ngħatawlu, b'dan għalhekk li anke a bażi ta' din il kriterja l-akkużat jimmerita li jiġi ggudikat mill-Qorti tal-Magsitrati u mhux mill-Qorti Kriminali.*

*Illi fl-aħħar lok, dwar l-ammont l-esponenti umilment jissottometti illi l-ammont ma huwiex magħruf. Ħadd ma raha din l-allegata sustanza, hadd ma seta' jitkellem dwar id-dimensjonijiet tas-sustanza, u ħadd ma mess jew refa' s-sustanza sabiex ikun jista' jitkellem dwar it-toqol o meno tal-istess. Dan huwa konfermat ukoll mill-ispettur Jesmond Borg li jggdi mhux biss li din il-kaxxa evetwalment qatt ma nstabet x'kien fiha,*

*iżda jzid ukoll li l-prosekuzzjoni ma tafx x'tip ta' droga kien fiha, kemm kien fiha, "aħna hadd ma jaf xejn semplicement aħna bqajna fuq l informazzjoni li tawna huma stess li kien kaxxa gisha dags kaxxa ta' żraben, dawn langas missewha għax kien Jose Scerri stess li tefaħha gol-hofra, jiġifieri langas nafu jekk kinitx tqila jew hafifa xejn. (folio 496 tal-proċess).*

*Illi huwa minnu li l-linji gwida fir-Raba' Skeda jsemmu wkoll l-element tal-ammonti, però tali element huwa kwalifikat bl-użu tal-kliem "meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa". Fil każ odjern madanakollu jirriżulta li l-ammont ma huwiex magħruf u kuntrarjament għal dak allegat mill-Avukat Generali fiċ-ċikostanzi lanqas ma jista' jiġi prezunt jew immaginat l-ammont ai fini biex jigi determinat jekk il-każ għandux jibqa' quddiem il-Qorti Kriminali jew jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Magistrati. In oltre, u strettament mingħajr pregudizzju dwar il-premess, l-esponenti umilment jissottometti illi una volta li l-ammont ma huwiex maghruf, anke a bażi tal-principju in dubbio pro reo, dan il-fattur għandu jimmilita a favur tal-esponenti anke f'dawn iċ-ċirkostanzi.*

*Dan kollu ovvjament qed jingħad mingħajr pregudizzju għall-fatt illi din l-allegata sustanza hadd ma sabha, hadd ma raha, hadd ma eżaminaha biex jikkonferma li verament kienet sustanza illegali, u l-unika informazzjoni dwarha fl-atti (anke skond l-Att tal-Akkuza) tirrizulta biss mill-istqarrija tal-akkużat li rrilaxxa fl-2012 mingħajr dritt li jkun assistit mill-avukat di fiduċja tiegħu waqt ir-rilaxx ta' tali stqarrija.*

*Illi dwar it-tieni incident dak rakkontat min Anglu Fenech - incident kontestat kollu kemm hu mill-akkużat-l-esponenti umilment jissottometti illi anke jekk wiehed, strettament minghajr preġudizzju jikkunsidra l-allegazzjonijiet ta' Fenech, jirriżulta li l-akkużat kellu rwol verament minimu u limitat, jekk mhux saħansitra rwol fejn ma għamel xejn, iżjed milli għamel. Infatti skond Fenech, Jose' Xerry kien allegatament gabar xkora tas-siment minn go sit ta' kostruzzjoni fejn kien qed jaħdem l-akkużat u li tali xkora ingabret specifikatament minn Jose Xerry. Illi dwar il-bqija tal-allegazzjonijiet ta' Fenech*

*fil-konfront ta' l-akkużat għandu jirriżulta li l-akkużat allegatament kellu rwol passiv immens u żgħir, fejn saħansitra jekk wieħed jkollu għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss jikkunsidra d-detto del detto li jgħid Fenech, Jose' Xerry kien irrabjat mal-akkużat propju għaliex l-akkużat ma għamel assolutament xejn, b'dan li l-akkużat kien irrifjuta li jbiegħ din l-allegata droga.*

*Illi fl-aħħar lok, dwar l-ammont, huwa minnu li Fenech isemmi l-ammont ta' 50 sapuna allegatament raza tal-kannabis, madanakollu (apparti l-fatt li ma hemmx il-prova dwar kif Fenech ikkonkluda li tali sustanza kienet sustanza illegali konsistenti fraża tal-kannabis), fl- ebda hin Fenech ma jsemmi l-piż ta' tali sapuniet allegatament droga. Illi huwa fl-ebda hin ma qal li refa' l-ixkora jew is-sapuniet sabiex jkun f'posizzjoni li jagħti indikazzjoni tal-piz, lanqas ma jagħti l-ebda informazzjoni dwar id-dimensjonijiet tal-istess sapuniet.*

*Illi kwindi, anke f'dan il-każ, ma jirriżultax x'kien l-ammont tal-allegata sustanza u għaldaqstant, dan id-dubbju għandu jimmilita favur l-esponenti u favur li l-każ jigi ġġudikat mill-Qorti tal-Magistrati.*

*Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet su riferit, għal dawk ir-raġunijiet kollha li jistgħu talvolta jirriżultaw matul is-smigħ ta' dan ir-rikors, u fid-dawl ta' sottomissjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu waqt it-trattazzjoni orali ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett illi dina Qorti jogħġobha tordna li dawn il-proċeduri jigu rimandati lill-Qorti tal Magistrati sabiex l-esponenti jigi ggudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u dan salv kwalsiasi konsiderazzjoni oħra li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel fil-gudizzju għaqli u superjuri tagħha.'*

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' Gunju, 2022 fejn ordnat notifika tar-rikors lill-Avukat Generali b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Gunju, 2022 fejn qal is-segwenti:

*'Illi skont ir-rikorrent harsa lejn l-allegazzjonijiet mressqa mill-esponent, meta tali allegazzjonijiet jigu analizzati fid-dawl tar-Raba' Skeda tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u applikati l-istess linji gwida ghall-uzu tad-diskrezzjoni, il-kaz odjern huwa wiched li għandu jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati u mhux minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi harsa lejn il-linji gwida b'rabta mal-każ odjern, fir-rigward il-kwantita ta' droga, għalkemm huwa minnu li tali droga qatt ma giet elevata mill-Pulizija, l-Prosekuzzjoni qed issostni li bħala kwantita' dina taqbeż l-għaxar (10) kilos.*

*Illi dwar l-allegat rwol tar-rikorrent, harsa lejn l-istqarrijiet kemm tar-rikorrent innifsu, kif ukoll ta' Angelo Fenech tali rwol kien wiched principali fis-sens li fiz-zewg kazi r-rikorrent kellu konnessjonijiet sostanzjali mas-sors originali tad-drogi.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponent ged joġġezzjona it-talba proposta.'*

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors u dan fis-seduta precedenti.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti tixtieq tibda billi taghmel referenza ghall-Artikolu 22 ta' Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn dan jghid illi:

> *Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont kif jordna l-Avukat Ġenerali*

Illi permezz ta' l-Att XXIV ta' l-2014 gew introdotti l-linji gwida nkluzi fir-Raba' Skeda ta' l-Ordinanza u dan ghall-uzu ta' diskrezzjoni marbuta ma' Artikolu 22 ta' Kap. 101. Dawn jikkontjenu s-segwenti:

> *'Dawn il-linji gwida japplikaw għall-persuni kollha akkużati tal-età ta' 16 u aktar.*
>
> *Sabiex tiġi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha tiġi ġġudikata, il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali.*
>
> *Il-kwantità ta' droga hi konsiderazzjoni prinċipali fil-valutazzjoni tal-ħsara. Il-purità ma tkunx neċessarjament meqjusa fl-istadju inizjali iżda tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi determinat jekk persuna li inizjalment ġiet riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi riferita għall-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fi stadju aktar tard.*
>
> *lir-rwol li l-akkużat kellu fir-reat għandu, jekk informazzjoni biżżejjed tkun disponibbli, wkoll jitqies.*
>
> *F'dawn il-każijiet għandha issir distinzjoni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat.*
>
> *Ir-rwol prinċipali fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

*• li l-akkużat organizza jew ordna x-xiri u l-bejgħ ta' droga fuq skala kummerċjali;*

*• li l-akkużat kellu konnessjonijiet sostanzjali għal u influwenza sinjifikanti fuq persuni oħra f'ċirku;*

*• li l-akkużat kellu konnessjonijiet mill-qrib għas-sors oriġinali tad-drogi;*

*• li l-akkużat għamel qligħ finanzjarju sostanzjali jew kellu aspettattiva ta' qligħ finanzjarju sostanzjali;*

*• li l-akkużat uża negozju leġittimu biex jaħbi x-xiri jew il-bejgħ tad-drogi;*

*• li l-akkużat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu ta' fiduċja jew ta' responsabbiltà sinjifikanti fit-twettiq tar-reat, per eżempju meta lakkużat ikun impjegat tal-ħabs jew professjonista legali jew mediku. Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

*• li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;*

*• li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;*

*• li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;*

*• li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;*

*• li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.*

*Ir-rwol sinjifikanti fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

*•li l-akkużat kellu funzjoni operattiva jew maniġerjali fiċ-ċirku;*

*• li l-akkużat involva oħrajn fl-operazzjoni kemm billi eżerċita pressjoni kif ukoll influwenzahom jew b'intimidazzjoni jew b'offerta ta' kumpens;*

*• li l-akkużat kien motivat bill-prospett ta' gwadann finanzjarju jew vantaġġ ieħor, irrispettivament jekk l-akkużat kienx qed jaġixxi waħdu jew ma' oħrajn;*

*• li l-akkużat deher li kien jaf u li fehem il-kobor tal-operazzjoni;*

*• li l-akkużat, li mhix persuna li qed tabbuża minn pożizzjoni ta' fiduċja jew responsabbilità, forniet id-droga lill-priġunier għall-gwadann iżda mingħajr theddid.*

*Ir-rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat jista' jiġi indikat b'li ġej:*

*• li l-akkużat wettaq rwol limitat fit-twettiq tar-reat u aġixxa taħt iddirezzjoni ta' oħrajn;*

*• li l-akkużat ġie mqabbad minn oħrajn sabiex iwettaq ir-reat permezz ta' pressjoni, theddid jew intimidazzjoni;*

*• li l-akkużat ġie involut fit-twettiq tar-reat minħabba l-inġenwità tiegħu jew minħabba li ġie sfruttat minn oħrajn;*

*• li l-akkużat ma kellux influwenza fuq dawk ta' fuqu fiċ-ċirku;*

*• li l-akkużat kellu ftit, jekk kien hemm, għarfien rigward il-kobor tal-operazzjoni;*

*• li meta jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi kollha jkun raġonevoli li jiġi konkluż illi l-akkużat kien involut fit-twettiq tar-reat sabiex jieħu d-droga biss, għall-użu personali tiegħu;*

*• li l-akkużat ma għamel l-ebda gwadann finanzjarju mir-reat, per eżempju f'każijiet li jinvolvu x-xiri komuni ta' kwantità*

*minima mingħajr l-ebda qligħ jew sabiex titqassam kwantità minima bejn il-ħbieb fuq bażi mhux kummerċjali.*

*Fatturi aggravanti li jirriżultaw mil-liġi għandhom jiġu meqjusa.*

*Fatturi aggravanti oħra li jistgħu jiġu meqjusa jistgħu jinkludu:*

*• in-natura sofistikata sabiex tinħeba d-droga jew in-natura ta' kwalunkwe attentat biex jiġi evitat il-kxif;*
*• kull attentat sabiex tinħeba jew sabiex tintrema evidenza;*
*• l-esponiment ta' oħrajn għall-periklu eċċezzjonali bħal meta droga tinqata' b'sustanzi li jagħmlu ħsara;*
*• il-purità għolja tad-droga;*
*• li l-akkużat immira postijiet intiżi sabiex jalloka persuni vulnerabbli jew ipprova jissupplixxi d-droga lill-minorenni;*
*• li oħrajn, speċjalment tfal u dawk li ma jabbużawx bid-droga kienu preżenti meta l-akkużat ikkommetta r-reat.*

*L-ammont li ġejjin involuti fir-reat, meta l-imsemmija ammonti huma magħrufa,* ***jistgħu*** *jittieħdu bħala indikazzjoni sabiex persuna ma tiġix riferita għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali:*

*herojina u kokajina: anqas minn 100 gramma*
*cannabis (qanneb indjan): anqas minn 300 gramma*

*Kull għajnuna li l-akkużat ikun ta lill-Pulizija jew lill-prosekuzzjoni tista' wkoll tiġi meqjusa.'*

Illi, qabel gew introdotti dawn il-linji gwida, id-diskrezzjoni kienet totalment f'idejn l-Avukat Generali u dan *stante* n-nuqqas ta' kriterji fissi fil-ligi li kienu jaghtu indikazzjoni kawza ghandhiex tinstema mill-Qorti Kriminali jew mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) u ghalhekk is-*sede* ta' fejn ghandu jsir il-gudizzju. Fil-kawza fl-ismijiet **Claudio Porsenna vs l-Avukat Generali**[1] ir-rikorrent kien argumenta illi l-Artikoli 22(2) u 31 ta' Kap. 101 huma siekta u jhallu d-decizjoni dwar quddiem liema qorti persuna akkuzata ghandha titressaq interament f'idejn l-Avukat Generali, u allura indirettament kienu qed joholqu incertezza fis-sens illi kaz jista' jigi ttrattat b'manjiera differenti minn iehor. Ghaldaqstant dan kien argumenta illi kienu qed jinkisrulu d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll id-dritt tieghu illi ma jigix diskriminat ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet cahdet l-appell tar-rikorrent izda accennat is-segwenti:

> *L-Avukat Generali jkun irid, ovvjament, meta hekk jigi mitlub, jispjega u jiggustifika d-decizjoni li jkun ha, u mbaghad sta ghall-qorti, jekk dak l-ezercizzju ta' diskrezzjoni jigi attakkat, li tara li d-decizjoni tkun koerenti ma' decizjonijiet precedenti u li ma tkunx saret deskriminazzjoni; altrimenti, d-decizjoni tista' tkun ultra vires.*

**Ikkunsidrat,**

Illi l-akkuzat Paul Cachia kien tressaq b'arrest nhar it-23 ta' Mejju, 2012, meta hu kellu disgha u hamsin (59) sena u kien mixli b' akkuzi relatati mad-droga fosthom l-assoccjazzjoni ghat-traffikar tar-raza tal-kannabis u l-pussess tar-raza tal-

[1] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-16 ta' Marzu, 2012.

kannabis mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Fl-istqarrijiet tieghu li kien irilaxxa nhar id-19 ta' Mejju, 2012, l-akkuzat ammetta illi hu kien ftiehem ma persuna li kien jismu Joe il-Hossie illi kellu jzommlu xi sappun tal-kannabis gewwa l-ghalqa tieghu u ta' dan kien ser jircievi elf euro (€1,000) talli jzommomlu hemm hekk. Spjega illi l-Hossie kien gie bi *speed boat* u ghaddhielu borza li poggewha go hofra li hu haffer. Madankollu meta mar jiccekja l-ghada filghodu, hu ma sab xejn. L-akkuzat stqarr li kien ghamel dan kollu ghax kellu bzonn il-flus peress li kellu l-mara tieghu kienet marida. Oltre minn hekk il-prosekuzzjoni qeghda ssostni illi din ma kienitx l-ewwel darba li l-akkuzat innegozja fid-droga u li qabel kien ghamel ftehim iehor mal-Hossie fuq hamsin (50) sapuna tal-kannabis ta' cirka ghaxar (10) kilogrammi. Illi l-akkuzat stqarr fir-rikors tieghu li ma kellux id-dritt li jkollu l-avukat tal-fiducja tieghu jassistih waqt ir-rilaxx tal-istqarrijiet pero sa illum il-gurnata l-istqarrijiet ghadhom parti mill-atti u ghalhekk din il-Qorti hadet konjizzjoni taghhom.

Illi minn harsa tal-atti processwali jirrizulta illi fl-ewwel cirkostanza ma ngaghbet l-ebda prova tal-piz tal-kannabis jew sahansitra xi droga kien hemm borza u/jew kaxxa li Joe il-Hossie kien ghadda lill-akkuzat. Sahansitra, l-**Ispettur Jesmond Borg** kien qal hekk meta xehed in kontro-ezami nhar it-12 ta' Lulju, 2016:

> *'Xhud: Le li gara kien dan li eventwalment din il-kaxxa mal-lejl kienet insterqet* ***<u>jigifieri jekk kinitx kaxxa jew le, kemm hi kbira, kollha mid-diskrezzjoni li tawna huma ghax din il-kaxxa eventwalment qatt ma nstabet jigifieri x'kien fiha, x'tip ta' droga kien fiha, kemm kien fiha, ahna hadd ma jaf xejn sempliciment ahna bqajna fuq l-informazzjoni li tawna huma stess li kienet kaxxa isha daqs kaxxa taz-zraben, dawn lanqas missewha gahx kien Jose Scerri stess</u>***

***li tefaghha gol-hofra, jigifieri lanqas jafu jekk kinitx tqila jew hafifa jew xejn***.'[2]

Ghaldaqstant, kif ikkonfermat mill-prosekuzzjoni stess, xi tip ta' droga kien hemm, u l-ammont tal-istess droga ma jirrizultax mill-atti. Illi n-numru tal-kazijiet li jigu decizi minn din il-Qorti meta l-ammont tad-droga ma jkunx kwantifikat huwa relattivament minimu meta kkumparat mal-kazijiet fejn id-droga tkun kwantifikata. Oltre minn hekk, johrog bic-car mill-atti processwali illi l-akkuzat ghamel dan kollu minhabba li kien jinsab f'qaghda finanzjarja difficli peress li kellu l-mara marida u anke kien jitla' l-Ingriterra ghal kura maghha. L-akkuzat qal fl-istqarrija tieghu illi mhux talli m'ghamilx gwadan talli hu zamm ir-raza tal-kannabis fl-ghalqa tieghu, izda spicca fl-inkwiet. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fhema wkoll illi l-irwol tal-akkuzat kien wiehed zghir.

In kwantu l-allegazzjoni bbazata fuq dak li qal ix-xhud **Anglu Fenech**, din baqghet tigi imcahda mill-akkuzat. Fenech xehed illi kien ma Joey Xerri meta dawn waqfu Birkirkara fuq sit ta' kostruzzjoni fejn Xerri nizel u hu baqa' fil-karozza. Ftit tal-hin wara rritorna Xerri flimkien mal-akkuzat u Xerri kellu f'idu xkora siment li iktar tard Fenech rah johrog minnha hamsin (50) sapuna tal-kannabis. Min-naha l-ohra l-akkuzat jispjega illi kien ghadda Xerri hdejh meta hu kien qieghed ibajjad f' kamra fuq wara, halla xkora taht it-tarag li hu ma kienx jaf x'fiha u lanqas iccekja x'kien fiha w iktar tard Joey Xerri rega' kien ghaddha ghaliha. Din il-Qorti tinnotta illi minkejja l-fatt li l-Avukat Generali isemmi l-ammont ta' ghaxar (10) kilos kannabis, dan ma jiffigura mkien mill-atti. Oltre minn hekk jidher illi l-prosekuzzjoni qeghda temmen lill-akkuzat fil-verzjonijiet tieghu, specjalment rigward l-involviment tieghu u dan stante li kienet iddikjarat[3] li l-akkuzat jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-

[2] Fol. 496 tal-process.
[3] Issir referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Jesmond Borg a fol. 497 tal-process.

Qorti hi tal-fhema illi l-prosekuzzjoni ma kienitx tiddikjara dan kieku ma kienitx qeghda temmen lill-akkuzat f'dak li qal, inkluz fejn dan qed jichad l-involviment tieghu mal-ixkora tas-siment u l-hamsin (50) sapuna li allegatament kien hemm fiha.

B'referenza ghall-linji gwida sucitati, din il-Qorti tishaq illi dawn huma biss indikattivi u mhux ezawrjenti. Hawn hekk taghmel referenza ghad-digriet fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuel Magri**[4] fejn gie ritenut is-segwenti:

> *Meta l-ligi tghid illi ammont ta' eronina ta' anqas minn mitt gramma huwa "**indikattiv**" illi persuna m'ghandhiex tkun gudikata mill-Qorti Kriminali **ma jfissirx awtomatikament illi kwalunkwe ammont ghola minn mitt gramma bilfors trid tigi quddiem il-Qorti Kriminali. Dawn il-linji gwida huma biss punt ta' tluq u m'ghandhomx iservu esklussivament bhala process aritmatiku.** F'kaz deciz mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales fit-3 ta' April 2012 fl-isem "**Regina versus Christiana Boakye et**" (EWCA Crim. 838) il-Qorti qalet, **"the quantities of drug which are listed under the categories of harm in the new guideline is deliberately described as 'indicative quantity of drug upon which the starting point is based.' They are not thresholds at which the sentencing range changes. They could not be if the starting point, which by definition is a mid range of sentence, is to be based upon it. In other words, the weights which determine categories are not thresholds; they are indications of the general region of weight which goes into the relevant category.** It is not exclusively an arithmetical process."*

---

[4] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar it-2 t' Ottubru, 2014.

Din il-Qorti temmen illi *stante* dawn il-linji gwida huma biss indikattivi, ghandhom jigu mittiehda in konsiderazzjoni fatturi ohrajn, fosthom **it-trapass taz-zmien minn meta jkunu gew inizzjati l-proceduri.** Fil-kaz odjern tajjeb li jigi rilevat illi ghaddew ghaxar (10) snin minn meta l-akkuzat tressaq b'arrest.

Din il-Qorti taghmilha cara wkoll illi meta kawza bhal din tinstema mill-Qorti tal-Magistrati u mhux mill-Qorti Kriminali, ma jfissirx li l-akkuzat m'ghandux jehel piena karcerarja jekk jinsab hati, izda tfisser li l- minimu ta' habs li jista' jehel tinzel ghal sitt (6) xhur flok erba' (4) snin.

Ghaldaqstant wara li fliet l-atti tal-kaz b'mod holistiku u qieset dak kollu ndikat *supra*, din il-Qorti tilqa' t-talba tal-akkuzat u tordna illi ghandu jigi gudikat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali).

**Il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lil Onorevoli Ministru tal-Gustizzja Jonathan Attard u dan sabiex jara jekk hux il-lok li jkun hemm emendi ohra fir-raba' skeda tal- Ordinanza dwar id- Drogi Perikoluzi u cioe' il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirriflettu konsiderazzjonijiet ohra li l-Avukat Generali ghandu jiehu meta jigi biex jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar liema Qorti ghandha tiggudika lill-akkuzat.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur